MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 11 ta' Gunju 2019**

**Kumpilazzjoni numru 132/2018 CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark A. Mercieca)**
**(Spettur Lara Butters)**

**vs**

**Joelle Galea**
**(ID: 260584M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Joelle Galea** talli nhar it-2 ta' Frar 2018 u anka matul ix-xhur ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess diposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Ikkommettiet serq ghad-detriment tal-konjugi Stephanie Falzon u Costantino Falzon, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin, u bil-valur, liema valur jaccedi s-somma ta' 2329.37euro;

2. Fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, ghamlet uzu ta' kodici ta' dhul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'kompjuter, dan sar ghad-detriment tal-konjugi Stephanie Falzon u Costantino Falzon;

U aktar talli matul ix-xahar ta' Dicembru 2017 u anka matul ix-xhur ta' qabel minn gewwa Franstan, Triq il-Kbira, Sliema;

3. Ikkommettiet serq ta' cards bankarji ghad-detriment tal-konjugi Stephanie Falzon u Costantino Falzon, liema serq huwa aggravat bil-persuna;

U aktar talli nhar il-21 ta' Frar 2018 u anka matul ix-xhur ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer;

4. Kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza;

5. Aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanza kellha fil-pussess taghha medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha;

6. Talli saret recidiva ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilha, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet lill-imputata tammetti l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront taghha, liema ammissjoni giet rikonfermat wara li l-Qorti tatha zmien biex tikkonsidra l-istess ammissjoni u wara li l-Qorti fehmitha l-piena ghal kull imputazzjoni;[1]

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz;

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (a fol. 92) datat 11 ta' Marzu 2019 ai termini tal-Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u tas-subartikolu (2C) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta) li permezz taghha ordna li l-imputata tigi processata quddiem din il-Qorti;

Rat illi l-Avukat Generali baghat l-atti lil din il-Qorti sabiex l-imputata tigi ggudikata minnha jekk ma jkunx hemm oggezzjoni da parti taghha;

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2019 l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li din il-kawza tigi mismugha u deciza minn din il-Qorti;

---

[1] Ara verbal tal-11 ta' Frar 2019 a fol. 86

Semghet ix-xhieda tal-kwerelanti Stephanie Falzon u Costantino Falzon fejn irrinunzjaw ghal dak kollu li hu rinunzjabbli[2] u anke rtiraw il-kwerela u dan anke ai termini tal-artikolu 332 tal-Kodici Kriminali;[3]

Rat illi d-difiza talbet li qabel ma tinghata s-sentenza jigi redatt *pre-sentencing report* liema talba giet milqugha;

Rat il-*pre-sentencing report* ipprezentat fil-31 ta' Mejju 2018;

Semghet ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Anabel Bugeja;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghha. Madankollu il-kwerelanti, li huma l-genituri tal-imputata, irrinunzjaw ghal dak kollu li hu rinunzjabbli.

Illi wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-imputata, tasal ghall-konkluzjoni illi huma l-ewwel u t-tielet imputazzjoni biss, u cioè dawk li jitrattaw ir-reat ta' serq, li jistghu jigu rinunzjati ai termini tal-artikolu 322 tal-Kodici Kriminali. Filwaqt li l-imputazzjoni numru tnejn hija relatata mal-ewwel imputazzjoni, madankollu fil-Kodici Kriminali ma hemm l-ebda disposizzjoni li tippermetti li tali imputazzjoni tista' tigi rinunzjata.

Ghaldaqstant, in vista tal-ammissjoni tal-imputata, il-Qorti trid tara liema hi l-piena idonea li biha ghandha titratta mal-imputata fir-rigward tat-tieni, tar-raba', tal-hames u tas-sitt imputazzjoni.

Illi t-tieni imputazzjoni, u cioè r-reat ta' aċċess mhux leġittimu għall-informazzjoni jew użu tagħha (Artikolu 337 C (1) tal-Kodici Kriminali) huwa punit b'multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) jew priġunerija għal żmien mhux iktar minn erba' snin, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.

Illi fir-rigward tal-piena ghall-pussess tar-raza mehuda mill-pjanta tal-*cannabis* u tal-ecstasy, il-Qorti ma taqbilx mad-difiza illi ghandha tigi applikata l-piena ai termini tal-Kapitolu 573 tal-Ligijiet ta' Malta izda ghandhom jigu applikati l-

[2] A fol. 72 sa fol. 75
[3] A fol. 87

pieni ai termini tal-Kapitolu 101 u Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante li l-imputata instabet fil-pussess ta' zewg tipi ta' sustanzi illeciti.

Illi ai fini ta' piena il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni kemm il-*pre-sentencing report* u kif ukoll ix-xhieda li l-Ufficjal tal-Probation tat wara li rredigiet l-istess rapport. Illi b'sodisfazzjon il-Qorti tinnota illi l-imputata uriet il-volontà li timxi 'l quddiem u ghalhekk se tinghata c-cans li tkompli f'din it-triq. Madankollu l-imputata trid tifhem illi dan ic-cans **jista' jkun uniku** u li ghalhekk trid toqghod ferm attenta li ssegwi l-kundizzjonijiet kollha li din il-Qorti se timponi fuqha.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat artikolu 18, 49, 50, 337 C (1) tal-Kodici Kriminali, artikolu 8 (a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u Regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 31.18, artikolu 40A u 120A(1)(a) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara lill-imputata Joelle Galea hatja tat-tieni, tar-raba', tal-hames u tas-sitt imputazzjoni u tpoggiha taht **Ordni ta' Probation ghal zmien tliet (3) snin mil-lum** bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha. In oltre l-Qorti qieghda tikkundannaha ghal hlas ta' **multa ta' elf ewro (€1000).** Finalment il-Qorti qieghda tiddikjara prodediment estint fir-rigward tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni stante li dawn gew rinunzjati mill-kwerelanti.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA LL.D.**

**ORDNI TA' PROBATION**
**(maghmul skond l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta)**

Illum 11 ta' Gunju 2019.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Mercieca)**

**vs**

**Joelle Galea**

Il-Qorti,

Billi **Joelle Galea** (hawn taht imsejha "probationer") giet misjuba hatja kif indikat fis-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija minn din il-Qorti llum stess, u giet impoggija taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li ssir din l-Ordni ta' Probation;

U wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' din l-Ordni lill-probationer, inkluzi l-kundizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht, u li jekk tonqos li thares din l-Ordni jew taghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' **tliet (3) snin** tkun tista' tigi kkundannata ghar-reat li ghalih qieghda tigi maghmula din l-Ordni, u wara li nnutat li l-istess probationer uriet li trid thares il-kundizzjonijiet ta' din l-istess Ordni;

Tordna li l-probationer **Joelle Galea** li toqghod **Franstan, Fl 2, Triq il-Kbira, Sliema** u detentrici tal-karta tal-identità numru **260584M** u ghandha numru tal-mowbajl ______________________ tkun taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation ghal perjodu ta' **tliet (3) snin** mil-lum, u ghandha thares ukoll il-kundizzjonijiet addizzjonali hawn taht imsemmija:

1. Li matul dan il-perjodu l-probationer iggib ruhha tajjeb u tghaddi hajja ta' bzulija;

2. Li toqghod ghad-direttivi kollha tal-Ufficjal tal-Probation li jistghu jinghatawlha minn zmien ghal zmien;

3. Li tibqa' f'kuntatt mal-Ufficjal tal-Probation skont l-istruzzjonijiet li tista' minn zmien ghal zmien tinghata mill-imsemmi Ufficjal, u li tattendi ghal-laqghat kollha li l-Ufficjal tal-Probation jiffissa/tiffissa minn zmien ghal zmien u taghti lill-istess Ufficjal kull informazzjoni li tigi mitluba lilha;

4. Li taghti lill-Ufficjal tal-Probation dawk il-*urine samples* li tista' minn zmien ghall-iehor tigi mitluba sabiex jigu analizzati ghall-prezenza o meno ta' sustanzi illegali;

5. Li tircievi zjarat tal-istess Ufficjal tal-Probation kemm fid-dar taghha kif ukoll fuq il-post tax-xoghol;

6. Li jekk tkun se tbiddel l-indirizz tar-residenza taghha jew in-numru tal-mowbajl taghha, taghti preavviz ta' almenu hmistax-il gurnata lill-Ufficjal tal-Probation taghha, sakemm ma jkunx hemm ragunijiet li jiggustifikaw li l-probationer taghti preavviz iktar qasir;

7. Li tibda u/jew tikkompleta l-programm ta' rijabilitazzjoni jew trattament iehor fi hdan wahda mill-agenziji li jahdmu kontra l-vizzju tad-droga minghajr interruzzjoni, kif jigi suggerit lilha mill-Ufficjal tal-Probation taghha jekk l-istess Ufficjal thoss li hekk hu l-bzonn, u li tiehu kwalunkwe kura ohra, li tigi indikata lilha mill-Ufficjal tal-Probation, jekk l-Ufficjal thoss li hekk hu l-bzonn, sabiex teghleb il-vizzju tad-droga, u li toqghod ukoll ghad-direttivi kollha li jistghu jaghtuha l-persuni u/jew agenziji li tigi riferuta lilhom mill-Ufficjal tal-Probation;

8. Li tmur ghal dawk l-appuntamenti li jigu ffissati ma' professjonisti u li tikkonsulta mal-professjonisti kollha li jigu referuti lilha mill-Ufficjal tal-Probation u li toqghod ghal kull istruzzjoni li dawn il-professjonisti jaghtuha.

L-Ufficjal tal-Probation ghandu/ghandha jgib/iggib a konjizzjoni tal-Qorti Kriminali, permezz ta' rikors ta' denunzja, il-ksur ta' dawn il-kundizzjonijiet jew xi wahda minnhom.

Tordna li kopja ta' din l-Ordni tigi minnufih konsenjata lill-probationer kif ukoll lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation skont is-subartikolu (8) tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446.

Tordna wkoll illi l-Probation Officer jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sena (1).

_________________________

Firma tal-Probationer

_________________________

Dr. Charmaine Galea LL.D.
Magistrat

_________________________

Diane Gatt
Deputat Registratur